



Brussell, 18 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10066/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0071 (COD)**

**CODEC 774
ECOFIN 738
FIN 661
MAMA 132
RELEX 732
ECB**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fil-15 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 212 TFUE.
2. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni², saru kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari.

¹ 7917/24.

² ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

3. Fit-28 ta' Mejju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-ftehim milħuq fit-trilogi³ u awtorizza lill-President biex jibgħat ittra lill-President tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) li tiddikjara li jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma eżatta li tinsab f'dik l-ittra, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Fit-18 ta' Ġunju 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁴.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 18/25, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 9162/25.

⁴ 9728/25.